MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2011

Numru. 12/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Anglu Mizzi, bin Francis u Josephine nee' Stellini, imwieled fis-27 ta' April 1958 u residenti gewwa 3, Triq Wied Simar, Qala, Ghawdex detentur tal-karta ta'l-identita bin-numru 22058(G)**

**Il-Qorti,**

**R**at l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Anglu Mizzi li gie akkuzat talli fis-27 ta' Ottubru 2006 u fix-xahar ta' qabel fil-Qala, Ghawdex fl-inhawi maghrufa bhala Ta' Wied Biljun, sive Ta' Damma:-

1. minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-Ligi izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu

fixkel lil Doris Cauchi fil-pussess ta’ hwejjigha u b’modi ohra indahal fi hwejjeg l-imsemmija Doris Cauchi u dana bi ksur ta’l-artikolu 85 tal-Kpaitolu 9 u aktar talli bi hsara ta’ sid jew ta’ detentur ghamel vjolazzjoni ohra kontra l-proprjeta’ ta’ l-imsemmija Doris Cauchi u dana bi ksur ta’ l-artikolu 340D tal-Kapitolu 9.

2. aktar talli fl-istess zmien ikkometta hsara ghad-dannu ta’ Doris Cauchi liema hsara ma teccediex il-Lm50 u dana b ksur ta’l-artikolu 325 tal-Kapitolu 9.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta’ nota datata 24 ta’ Lulju 2009, il-kwerelanta Doris Cauchi irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat. Ghaldaqstant ghar-rigward tat-tieni akkuza, li tinnecessita l-kwerela tal-parti offiza, l-Qorti ma tistax hlief tiddikjara l-procediment ezawrit.

Illi ghar-rigward tal-akkuza ta’ ragion fattasi a tenur tal-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 li hija akkuza ta’ ordni pubblika, ir-rinunzja da parti tal-kwerelanta bl-ebda mod ma taffettwa l-procediment penali fil-konfront tal-imputat. Madanakollu l-Qorti tifhem illi l-parti leza li ressqet dana r-rapport lill-pulizija, illum ma ghadx ghandha interess f’dawn il-proceduri.

Fir-rigward ta’ dina l-akkuza l-Qorti sejra tistrieh fuq ir-rapport redatt mill-Perit Valerio Schembri minn fejn jirrizulta illi l-parti leza la tindika l-persuna li kkomettiet dina l-vjolazzjoni u lanqas tindika d-data ezatta meta dana sehh.

Kwindi fid-dawl ta’ dawn ir-risultanzi processwali l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat minn dina l-akkuza fuq nuqqas ta’ provi.

Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel akkuza tiddikjara l-procediment ezawrit fir-rigward tat-tieni akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------